

# Meta ċediet il-Flotta Navali Taljana - Vapuri miġjuba f'Malta ġewwa l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsaxlokk

**Kitba:** Ludwig Noel Desira, **Ritratti:** George Bondin, **Riċerka:** Amanda Bonnici B.AHons. History

Naħseb li meta wieħed isemmi t-tieni gwerra dinjija, il-ħsieb imur dejjem fuq qerda u mewt, imma lejn it-tmiem tal-1942 u nofs 1943 l-attakki mill-ajru naqsu sew biex ma ngħejdux illi spiċċaw għal kollox. Pajjiżna kien raġjonevolment kalm għajr li konna għadna fil-gwerra. Malta kienet tintuża sabiex jinġiebu feruti għall-kura.

It-Taljani għall-aħħar tal-1942, kienu bdew iħossu nuqqasijiet kbar f'munizzjon, kif ukoll ta' provvisti li l-iktar essenzjali kienu l-mediċini. Ħafna rapporti skont priġunieri Taljani stess kienu qed jimirdu b'mard bħal fosthom, is-sifilli (syphilis) u peress li l-penicillin kien skars, ma kienx hemm kura.

L-aħbar li t-Taljani ċedew ingħatat fil-25 ta' Lulju 1943, mir-Re tal-Italja Vittorio Emmanuele, wara li dan arresta lil Benito Mussolini u poġġa bl-istess inkarigu lill-Marixall Pietro Badoglio, li kien ic-Chief of Staff fl-Armata Taljana. Badoglio beda mmedjatament trattati sigrieti mal-Alleati sabiex iwarrbu l-Italja mill-gwerra u l-ħelsien ta' arthom mill-ħakma Nazista. Dan ġie miftiehem fit-8 ta' Settembru tal-istess sena, meta l-8th Army Ingliża sbarkaw fin-naħa t'isfel tal-Italja.



Il-Kap Kmandant Navali tal-Alleati fil-Mediterranean (ANCEF), Sir Andrew Cunningham, ordna mill-ewwel struzzjonijiet sigrieti sabiex tiġi organizzata skorta jew konvoj, u tbaħħar bejn Malta u Sqallija sabiex tiltaqa' mall-flotta Navali Taljana u ċċedi f'idejhom. Min hawn beda jseħħ -Armistizju sigriet li l-Marixall Bodoglio f'segretezza assoluta, fid-9 ta' Settembru 1943 iffirma. Dan kien igħd; "*Immediate transfer of the Italian Fleet and Italian aircraft to such points as may be designated by the Allied Commander in-Chief*". Bastimenti Taljani u ajruplani, immedjatament riedu jevakwaw l-Italja u jsibu kenn f portijiet Alleati viċin malajr kemm jista' jkun.

Vapuri Taljani kienu jinkludu madwar seba' tat-tip *Battleships* li kienu; BB Roma, BB Vittorio Veneto, BB Italia, BB Caio Duilio, BB Andrea Doria, BB Giulio Cesare. Tliet *Aircraft Carriers* li kienu; TB Libra, TB Sagitario, TB Cadrona. Ħamsa u għoxrin tat-tip *Destroyer* fosthom DD Mitragliare, DD Fuciliere, DD Carabiniere, DD Velite, DD Legionario, DD Oriani, DD Artigliere, DD Grecale, DD Da Noli, DD Vivaldi, DD Da Recco, DD Riboty fost l-oħrajn, kif ukoll *light cruisers*, *submarines* u ajruplani żgħar. Dawn, fil-maġġoranza tagħhom, kellhom jiġu skurtati bil-konvoj Ingliż fit-8 ta' Settembru bil-lejl lejn Malta, fejn ir-Royal Navy kellha taċċetta t-trattat li ċedew il-flotta.

Il-bastimenti u frejgati Alleati kienu jikkonsistu f'*battle ships:* HMS Warspite, HMS Valliant, HMS King George V, FLN Le Terrible (Franċiż) *destroyers*; HMS Faulknor, HMS Fury, HMS Echo, HMS Intrepid, HMS Raider, RHNS Vassilisa Olga (Griek), RHNS Adrias (Griek).



Għall-Griegi dan kien sinjal sabiex in-Navy tagħhom ikollha ċans tagħti sehem u tkun rikonoxxuta mal-Alleati fil-gwerra. Għall-Ingliżi wkoll kienet azzjoni simbolika, fejn HMS Warspite u HMS Valliant kienu l-istess bastimenti preżenti meta l-Ġermaniżi ċedew il-qawwa Navali Imperjali fl-1918.





Fid-9 ta'Settembru filgħodu kmieni, ħdax-il Dornier Do 217 *bombers* lemħu parti mill-flotta ħierġa mill-port fl-La Spezia. Dawn ġew minn Franza u kienu armati bil-bombi gwidati li waħda minnhom laqtet lil BB Roma, bil konsegwenza li ntlaqtet inqasmet minn nofs u għerqet bl-ekwipaġġ kollu. Il-BB Italia wkoll intlaqtet. Fost il-baħrin li tilfu ħajjithom kien hemm l-Co Ammirall Taljan Bergami. Dan seħħ minħabba l-fatt li l-Co Ammirall Bergami ma mexiex mal-istruzzjonijiet mogħtija lilu u ddevja xi ftit ir-rotta li tawh l-Alleati b'konsegwenza li tilef ħajtu wkoll.

F'l-10 ta' Settembru, l-ikbar frejgati Taljani BB Caio Duilio u BB Andrea Doria, salpaw minn Salerno sabiex jiltaqgħu mal-konvoy, li kien ġa fi triqtu lejn Malta. Min hawn il-konvoj ipproċeda fil-kalma lejn Malta, fejn fuq quddiem nett f'ras l-istess konvoj kien mgħasses sew u mmexxi min żewgt 'iklieb' tal-gwerra HMS Warspite u HMS Valliant. Il-CoAmmirall Costantine Alexandres (Griek), informa lill-awtoritajiet Alleati: *"With profound summit of happiness and national pride, I inform you that I escort to Malta the surrendering Battleships of the Italian Fleet. Everyone on board the RHNS Adrias, offers thanks to God for this outstanding moment"*

Fil-11 ta' Settembru l-flotta ankrat finalment fil-Port il-Kbir, fejn diġa kien hemm numru sostanzjali ta' bastimenti Taljani iżgħar u sottomarini ankrati. Il-BB Andrea Doria, BB Caio Dulio, DD Da Recco u DD Grecale, kellhom jankraw fil-port ta' Marsaxlokk minħabba nuqqas ta' spazju kif jixhdu dawn ir-ritratti. Min hawn Sir Andrew Cunningham il-Commander in-Chief tal-flotta Alleata fil-Mediterran, informa lir-Re George V hekk; *"I am pleased to inform Their Lordships that the Italian battle fleet now lies at anchor under the guns of Malta"*. Min hawn bdew iċ-ċerimonji fejn il-Kmandant tal-Flotta Taljana, l-Ammirall De Zara u l-Kaptani tal-vapuri l-oħra kollha, ġew milqugħa mall-wasla tagħhom max-xatt tal-Belt, fejn hemm id-dwana, fejn ingħatalhom salut bl-unuri kollha tal-gwerra., Dn seħħ għaliex l-Italja issa ma kenetx għadha parti mill-Assi tal-Għadu, imma min dan il-mument 'il quddiem parti mill-Alleanza. Il-Gwardja tal-Unur tmexxiet mill-Log. Comdr J Hamilton, fejn wasslu l-kontingent





*Vapuri Navali fil-Port ta' Marsaxlokk*



Taljan fil-Kwartieri Ġenerali tal-gwerra f'Malta.. Eżatt wara laqgħat privati l-ET, Viscount Lord Gort indirizza bil-Malti l-folla preżenti fi Pjazza San Ġorġ fil-Belt Valletta. Fl-indirizz tiegħu qal li t-Taljani saru ħaġa waħda mal-Alleati kollha.



*Il-Port ta' Marsaxlokk mill-ajru*

Il-baħrin Taljani baqgħu abbord il-vapuri tagħhom stess, u ma setgħux jinżlu. Dan għaliex sakemm gie ffirmat it-trattat uffiċjali kienu għadhom jitqiesu bħala priġunieri tal-gwerra. Peress li kien hemm ħafna minnhom fi stat ħażin ta' kura, l-għajnuna kellha tingħata abbord l-istess vapuri.



Fit-13 ta' Settembru l-bastimenti Taljani kollha salpaw għall-Ixandra sabiex jiġu żarmati mill-armamenti kollha. Fis-16 ta'Settembru dawn waslu fid-destinazzjoni fejn ġie ffirmat uffiċjalment iċ-ċediment tal-flotta Taljana. B'hekk spiċċat l-era qasira tal-offensiva Taljana fejn għal tliet snin sħaħ dawn qerdu mijiet ta' bastimenti Ingliżi, fosthom uħudf diretti għal Malta mgħobbija b'affarijiet essenzjali bħal ikel u munizzjon għad difiża ta' Malta u għall-poplu Malti. Jirriżulta iżda li l-flotta navali Taljana qatt ma kellha ċans tissupera r-Royal Navy Ingliża.


Hilltop Fashions

33, Triq Profs. Anton Tabone, BIrzebbuga
Tel: 27653616 / 79466516

**Ladies, Men & Children's Wear**